MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 679/2012

**Saint James Hospital Limited (C-17292)**
**Vs**
**Emanuel Cardona**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob bir-rispett lid an it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u wiehed u tmenin ewro (€1181) prezz ta' konsulti u servizzi medici moghtija lilu bejn l-1 ta' Lulju 2011 u t-2 ta' Lulju 2011, fuq inkarigu tal-konvenut, dovuta minnhu skont *invoice* datata 30 ta' Lulju 2012 gja mibghuta lilu; bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tas-16 t'Awwissu 2012, u bl-imghax legali mid-data tal-imsemmija ittra sad-data tal-hlas effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa illi t-talba hekk kif dedotta hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont hekk kif reklamat mhuwiex dovut mill-konvenut Emanuel

Cardona; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut kien kopert minn polza ta' assigurazzjoni medika numru GM/81/001167/0 mas-socjeta' assikuratrici MiddleSea Insurance plc u l-istess eccipjenti jirriserva minn issa li jitlob lil istess socjeta' assikuratrici tigi kjamata in kawza; salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.

Sema' x-xhieda ta' Albert Micallef ghas-socjeta' attrici;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra l-verbal tas-seduta tas-26 ta' Gunju 2013 fejn it-talba giet differita ghas-sentenza in diffetto ostakolo.

**Ikkunsidra:**

Din it-talba hija ghas-servizzi medici moghtija lill-konvenut li qed jikkontesta t-talba ghaliex kien kopert minn polza t'assikugarzjoni u hija MiddleSea Insurance li hija responsabbli biex tkopri u thallas l-ammont.

Illi rrizulta illi s-servizzi gew provduti fl-1 ta' Lulju 2011 sal-2 ta' Lulju 2011, skont l-*invoice* u l-*admission form* (ara folio 13 u 14 tal-process). Ipprezenatati max-xhieda ta' Albert Micallef illi l-*admission form* li kienet iffirmata mill-partijiet li tghid is-segwenti :
*"We liase with your health insurance company to organise direct payment for your treatment. However, should they fail to pay, you will remain at all times fully and exclusively responsible for the timely payment of all dues in connection with such treatment (including all medical and hospital supplies and services).*
*I, the undersigned accept to settle any outstanding balance in default of full payment for whatever reason from my insurers"*

Fix-xhieda tieghu Albert Micallef iddikjara illi huwa fil-prassi ta' l-Isptar Saint James Hospital illi kwalunke pazjent, jkun min jkun, meta jkun jkun kopert b'*insurance* hu jobbliga ruhu illi jekk ma jigix kopert mill-*insurance,* l-

istess pazjent jibqa' repsonsabbli personalment ghall-kont '*in toto'* jew '*in parte'*. Illi l-*invoice* ma thallasx.

Illi minkejja l-kontestazzjoni l-konvenut ma prezentax la l-polza t'assikurazzjoni u lanqas xi prova li ma kinitx responsabilta' tieghu li jhallas il-kont. Illi ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghandu jistrieh fuq il-provi prezentati mis-socjeta' attrici u jiddikjara li hija sodisfacentement ippruvata.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa` t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u wiehed u tmenin ewro (€1181), bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez hekk kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------